# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 14 ta' Dicembru 2018**

**Rikors Guramentat Nru: 356/2018**

**Kawza Numru : 30**

**CS**

**U**

**DS**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kongunt datat 9 ta' Awwissu 2018, ta' CS u DS detenturi tal-karta tal-identita' numru X u Y a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-esponenti zzewgu nhar is-sbatax (17) ta' Gunju, tas-sena elfejn u sitta (2006), gewwa l-Knisja Parrokkjali Hal Luqa, certifikat taz-zwieg esebit, anness u mmarkat Dok 'A';*

*Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom u effetwae is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppublikat in atti tan-Nutar Dottor Rossella Soler, datat sebgha (7) ta' Marzu, tas-sena elfejn u sittax (2016), kuntratt esbit, anness u mmarkat Dok 'B';*

*Illi miz-zwieg ta' bejn il-partijiet twieldu zewgt itfal G li twieled fit-tmintax*

*(18) ta' Frar tas-sena elfejn u sebgha (2007) u I li twieled fit-tlettax (23) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ghaxra (2010), it-tnejn minorenni;*

*Illi CS obbliga ruhu li jissomministra manteniment ghall-imsemmijin uliedhom G u I kif jixhed t-tieni (2) paragrafu f'pagna ghaxra (10) tal-kuntratt tas-separazzjoni mmarkat Dok. 'B' liema manteniment dejjem thallas u ma hemm l-ebda arretrati;*

*Illi ebda manteniment ma gie mifthiem bejn il-konjugi stante' dekadenza kif indikat fir-raba' (4) paragrafu ta' pagna hdax (11) tal-kuntratt tas-separazzjoni mmarkat Dok. 'B' tal-kuntratt tas-separazzjoni mmarkat Dok.'B';*

*Illi l-partijiet ilhom separati de facto sa mis-sena elfejn u tlettax (2013), liema separazzjoni giet kristalizzata permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni anness u mmarkat Dok. 'B'ppublikat fis-sena elfejn u sittax (2016);*

*Illi DS ser tghaddi biex titlob lil dina l-onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzha tirreverti ghal kunjom xbubitha cioe' R;*

*Illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzoni bejn il-partijiet, tant illi kull wahda mill-partijiet tghix hajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi l-kriterji skont l-Artikolu 66B (a), (b) u (c) ghandhom jirrizultaw sodisfatti;*

*Illi ghalhekk jikkonkorru l-kriterji kollha rikjesti mill-Ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

***Ghaldaqstant umilment u bir-rispett l-esponenti jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:***

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet.*

2. *Tawtorizza lil DS tirriverti ghal kunjom xbubitha R.*

3. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Regsitru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jiehu l-passi kollha necessarji biex dan id-digriet ta' divorzju jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**CS** xehed a fol 15 *et seqq* illi l-partijiet izzewgu fis-17 ta' Gunju 2006 u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt' itfal li ghadhom minorenni. Xehed illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 7 ta' Marzu 2016, izda li l-partijiet ilhom jghixu separatament mill-2013 meta martu marret tghix barra minn Malta. Xehed illi ulied il-partijiet jghixu m'ommhom u huwa jhallas il-manteniment dovut b'mod regolari. Ikkonferma li bejn il-partijiet m'hemmx prospett ta' rikonciljazzjoni.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti rat id-dispozizzjonijiet relevanti tal-Kodici Civili ghal kaz in ezami senjatament:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
***[...]***

***66B. * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-***

***divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***
***[...]***

Il-Qorti rat jirrizulta illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 7 ta' Marzu 2016 fl-atti tan-Nutar Dottor Rosella Soler, debitament awtorizzat mill-Qorti, vide Dok B a fol 16 et seqq., u ilhom jghixu separatament sa mis-sena 2013.

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat illi gie pruvat inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet irnexxilhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-lum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku, u wkoll tawtorizza lil DS sabiex tirreverti lura ghal**

**kunjom xbubita u cioe R u tordna n-notifika lid-Direttur tar-Registru Pubbliku ghall-azzjoni mehtiega;**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**